MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 609/2007/2

**Fl-atti tal-kawza numru 609/2007/JPG wara s-sentenza moghtija nhar is-17 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet:**

**Carmel Grima (lD 0572546M), Emanuel Grima (lD 0057541 M), Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi (lD 0182636M), Joan Cassar (lD 0748850M) f isimha propju u bhala prokuratrici ta' huha Edward Grima residenti New South Wales, Maria Dolores maghrufa bhala Dorothy Zammit (lD 0328948M), kif ukoll Anne Mary Camilleri (lD 0579763M), Julian Grima (lD 0569564M), Carmen Mangion (ID 0267368M) Ruth D'Antuono (ID 0076775M), Pierre Grima (ID 0118581M) u Graziella Grima (ID 0576882M) ulied il-mejjet Anthony Grima**

**U b'digriet tas-6 ta'Jannar 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Jennifer Mifsud (ID 0344057M), Anne Marie Gauci (ID 0417201L) , Joesphine Georgina Grace Grech (ID 0416001L) Philip Azzopardi (ID 0498268M) u Grace Carmen Camilleri (ID 0077802L) stante l-mewt tal-attrici Georgina Azzopardi**

**Vs**

**Saviour Grima (ID 528452M) u martu Mary Grima (ID34449G) u b'digriet tal-14 ta'Novembru 2007 Josephine Calleja giet kjamata fil-kawza in statu et termini**

**u b'digriet tas-6 t'Ottubru 2011 l-atti gew legittimati f'isem John Calleja, Charles Calleja, Mario Calleja, Catherine Cassar, Helen Calleja ilkoll ahwa ulied ta' Josephine Calleja stante l-mewt tal-istess Josephine Calleja u Jade Grixti u Jordann Calleja t-tnejn ulied il-mejjet Raymond Calleja li jigi iben l-imsemmija Josephine Calleja**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta'Saviour Grima tal-24 ta'Novembru 2014 li jaqra hekk :

*"Illi in segwitu ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Novembru 2014, l-esponenti ser jghaddi sabiex jintavola r-rikors de quo ai termini tal-Artikolu 825 (1) u (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi mhux car ghal esponenti l-valur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta ser jsir l-att korrettorju, bir-riserva ghad-dritt tal-appell skont il-Ligi u in segwitu ghal dan ir-rikors, abbazi ghal Artikolu 825 (1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Ivan Portelli a fol. 86 tal-process, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi lnterni fejn ikkonferma l-istima tal-fond li giet stabblita kienet dik fl-ammont ta' Lm80,000;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma li l-valur tal-fond huwa dak indikat fix-xhieda ta' lvan Portelli li ghaliha saret referenza aktar il-fuq u jew taghti direzzjoni lill-esponenti rigward il-valur li ghandu jinghata lil fond meta jigi biex isir l-att korrettorju, salv kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti tordna."*

Rat id-digriet tal-25 ta' Novembru 2014 fejn ordnat notifika mtal-istess lill-kontro parti jew l-avukat difensur taghha bi dritt ta' twegiba fi zmien gimgha (a fol. 2);

Rat ir-risposta ta'Carmel Grima et tal-5 ta'Dicembru 2014 (a fol.3 et seq) li taqra hekk :

*"Illi t-talba kif proposta mir-rikorrenti Saviour Grima ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet segwenti:-*

*(i)* *L-artikolu 825 tal-Kodici ritwali jikkontempla r-rimedju tal-korrezzjoni tas- sentenza fil-kaz ta' "xi zball ta' kalkolu" (subinciz 1) <u>jew</u> fil-kaz ta' "zbalji fil-kliem uzat", <u>jew</u> "biex tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari jew li jistghu jiftehmu xort'ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-qorti" (subinciz 2) Huwa maghruf illi dan hu hekk fuq l-awtorita' tad-Dritt Ruman li jafferma "actoram verba emendare, tenore sententiae perseveranta, non est prohibitum" (L. 46 Dig. "De re judicata").*

*(ii)* *Issa hu ben car mill-kontenut tar-rikors illi dak li qed jintalab huwa addizzjoni u mhux korrezzjoni. Fic-cert, it-talba ma tikkonfigurax taht is-subinciz (l) tal-artikolu imsemmi, u wisq anqas taht is-subinciz (2) billi, apparti li fis-sentenza ma jezistu ebda zbalji fil-kliem uzat, ma hemm ebda espressjonijiet x'jigu ccarati. Wiehed m'ghandux dejjem jinsa illi l-art. 825 tal-Kap.12 hu provvediment specjali.*

*(iii)* *Tajjeb li jigi rilevat illi kif jinsab avvertit "din il-korrezzjoni tal-izball ta'kalkolu u tal-izball materjali jew involuntarju evidenti tal-pinna jew tad-dicitura f'sentenza, ammessa bhala principju, ma ghandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jigi mbiddel il-provvediment li tkun gie moghti mill-istess sentenza; l-ghaliex ghall-fatt li jkun gie, tajjeb jew hazin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell, u fil-kazi permessi mil-ligi r-rimedju tar-ritrattazzjoni". **("Salvino Schembri et -vs- Joseph Grixti et", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1959 u "Simonds Farsons Cisk plc -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell Inferjuri, '17 ta' Marzu, 2003)**."*

*(iv)* *Taht dan il-profil it-talba tar-rikorrenti ma ghandhiex tigi ezawdita."*

Rat id-digriet tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-26 ta' Jannar 2015 fil-11.30am (a fol. 5);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna hi fis-sens li din il-Qorti ghandha tikkonferma valur tal-fond indikat fir-rikors promotorju f'ammont ta' tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) cioe stima li kienet giet moghtija mix-xhud Ivan Portelli ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan ai termini tal-Artikolu 825(1) (2) tal-Kapitolu 12.
L-Artikolu 825(1) (2) tal-Kapitolu 12 jistipula:

> ***825. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-***

> ***oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.***
>
> ***(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi zbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni.***

**Ikkonsidrat:**

Qabel xejn din il-Qorti taghraf illi t-talba ghal korezzjoni saret in termini, stante li s-sentenza fl-ismijiet premessi inghatat fis-17 ta' Novembru 2014, u r-rikors odjern gie intavolat fil-24 ta' Novembru 2014.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat it-talba kif intavolata fir-rikors odjern, taghraf illi t-talba certament ma tinkwadrax ruhha fl-Artikolu 825(1) tal-Kapitolu 12 il-ghaliex m'hemmx zball tal-kalkolu fis-sentenza li ghandu jew jista' jigi korrett. Ghar-rigward tat-tieni subinciz, din il-Qorti taghraf illi m'hemm ebda zbalji fil-kliem uzat fis-sentenza, jew xi espressjonijiet mhux cari jew li jistghu jinftehmu xort' ohra minn dak li riedet tfisser il-Qorti.

Illi l-Qorti taghmel referenza mbaghad ghar-ristrizzjonijiet mposti mill-ligi, fuq dak illi gudikant jista' jikkoregi in segwitu tas-sentenza pronunzjata :

> *"din il-korrezzjoni tal-izball ta' kalkolu u tal-izball materjali jew involuntarju evidenti tal-pinna jew tad-dicitura f'sentenza, ammessa bhala principju,* ***ma ghandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jigi mbiddel il-provvediment li tkun gie moghti*** *mill-istess sentenza; l-ghaliex ghall-fatt li jkun gie, tajjeb jew hazin, ritenut fis-sentenza* ***hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell****, u fil-kazi permessi mil-ligi* ***r-rimedju tar-ritrattazzjoni****".*

> **Vide sentenza fl-ismijiet "Salvino Schembri et -vs- Joseph Grixti et", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1959 u "Simonds Farsons Cisk plc -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell Inferjuri, '17 ta' Marzu, 2003**."

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba ta' Saviour Grima bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------